AKKADEMJA TAL-MALTI

LAQGĦA ĠENERALI ORDINARJA 17.7.2025

Diskors ta' Dr Sergio Grech – President tal-Akkademja tal-Malti

Kunsill 2025-2027

Kollegi u ħbieb,

Nibda biex nirringrazzjakom li qed tafdawni bit-tmexxija tal-Akkademja tal-Malti għas-sentejn li ġejjin.

Nirringrazzja lill-Professur George Farrugia tat-tmexxija tal-Akkademja tul dawn l-erba' snin fejn fost l-oħrajn ħadem biex għolla l-profil akkademiku tal-Akkademja tal-Malti minbarra diversi ħidmiet oħra li elenka s-Sur Joe Borg, is-Segretarju ħabrieki tagħna.

Ringrazzjament imur ukoll lis-Sur Borg li ma jieqaf qatt jaħdem għall-Akkademja. Nassigurakom li Joe hu kważi miżżewweġ lill-Akkademja għax il-ħidma jwettaqha u jgħixha kuljum.

Jiena bħal ħafna minnkom twelidt fl-għaqdiet tal-Malti. Ta' 17-il sena sibt ruħi mingħajr pulzier esperjenza Segretarju tal-Għaqda Letterarja Maltija – għaqda li għalkemm illum spiċċat, ħabirket kemm felħet biex il-Malti jistagħna. Ta' dak iż-żmien baqgħu xhieda l-antoloġiji li ħarġet u xi reġistrazzjonijiet tal-programm letterarju "Mill-Ġnejna Maltija" li konna erġajna bdejna.

Illum inhħoss li l-Akkademja tinsab f'salib it-toroq. L-Akkademja kważi tilfet il-jedd ta' dari li tkun għassiesa tal-ilsien-omm. Dan ma jfissirx li l-Akkademja se tagħlaq jew li se tabbanduna l-Malti.

Għax kif tista' teżisti l-Akkademja mingħajr il-Malti?

Għalhekk l-ewwel biċċa xogħol li se nkunu qed naħdmu fuqha, hi li se jitwaqqaf think tank biex jgħinna nirriflettu u nippjanaw u minn hemm naqbdu r-rotta li jmiss. Intom il-membri se nsejħulkom u nitolbukom tgħidu tagħkom u tgħinuna.

Se jkun vjaġġ ta' riflessjoni imma wkoll azzjoni.

Irridu nsaħħuha l-Akkademja.

Irridu nkomplu l-pubblikazzjonijiet, il-laqgħat u d-diversi inizjattivi imma ma rridux li ma nibqgħux relevanti.

Hemm sfidi kbar hemm barra.

Hemm sitwazzjonijiet li qatt mhu se negħlbuhom minkejja kull impenn. It-triq ekonomika li qabad pajjiżna hija waħda minn dawn il-kwistjonijiet. Il-mudell ekonomiku qed jiddetta l-ħtieġa ta' ħaddiema barranin, li aħna m'għandna xejn kontra tagħhom, imma min qed ifassal il-politika msemmija mhux jagħti spazju lill-Malti.

Il-Ġermanja tgħallimna f'dan l-aspett. Min iħabbat biebha jrid ikun jaf ilsienha.

Nieħdu gost nosservaw li d-Dipartiment tal-Malti fl-Università qed jagħmel korsijiet lil diversi setturi ta' ħaddiema barranin biex jitgħallmu l-lingwa.

L-agħar uġigħ għalina hu meta l-Maltin infushom ma jagħtux importanza lill-ilsien tagħna b'din il-mentalità fażulla li bil-Malti mhu se tasal imkien.

L-Akkademja se taħdem biex twassal dawn il-messaġġi fejn hemm bżonn li jaslu.

Din mhix sitwazzjoni faċli. Għall-Malti, ħadd mhu se joħroġ jipprotesta fit-toroq.

Għall-Malti, aħna rridu nkunu.

Ma għandniex soluzzjoni immedjata.

Għandna biss impenn li nkomplu naħdmu biex nilħqu l-għanijiet tagħna.

Nirringrazzjakom.